**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 22 ta' Frar, 2018

Rikors Guramentat numru : 91/16 AL

**A B C**

Vs.

**D C**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ippresentat mill-attrici, li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

ILLI l-applikanta zzewget lill-intimat qua ragel taghha, fil- 5 ta' Lulju 2014 bir-Registru Pubbliku, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg, li ai finijiet ta' identifikazzjoni u konferma qed jigi esebit kontestwalment ma' dan ir-rikors u mmarkat bhala Dok. 1;

ILLI l-applikanta kienet tghix flimkien mal-intimat u l-genituri tieghu gewwa d-dar xxxxx. ILLI matul dan iz-zmien, l-esponenti ntebhet li l-intimat huwa bniedem irresponsabbli fil-hajja taz-

zwieg, u dan kif ser jirrizulta kjarament matul dawn il-proceduri, fejn l-istess irresponsabilita’ irriflettiet f’agir ghal kollox inaccettabbli mhux biss lejn il-mara fiz-zwieg, izda wkoll lejn id-dmirijiet li wiehed suppost ghandu jezercita fil-hajja matrimonjali;

ILLI l-applikanta rikorrenti, illum mir-relazzjoni matrimonjali taghha mill-istess intimat fit-8 ta’ Settembru 2015, kellha l-uniku wild li jismu S G C, li llum diga’ ghandu seba’ xhur zmien (vide Dok. 2) u ghalhekk is-sitwazzjoni tal-hajja mizzewga taghha hija wahda ta' aktar piz fuqha stess minhabba n-nuqqas ta' rispett u ghajnuna li qed juri l-intimat;

ILLI ghalhekk dan iz-zwieg stante l-istess attegjament u affarijiet ohrajn ta’ natura gravi fl-attegjament stess tal-intimat jista’ jigi meqjus sikurament bhala wiehed li huwa vvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghall-intimat li jaqdi l-obligazzjonijiet essenjali taz-zwieg;

ILLI l-intimat qua ragel taghha, ma jridx jahdem u dejjem isostni li ha jfittex xoghol izda dan qatt ma jsehh, minflok iqatta' l-granet jilghab fuq il-Playstation, ghalhekk juri bic-car li l-intimat mhuwiex kapaci jaghraf x'titlob il-hajja matrimonjali minnu, partikolarment hekk skont Artikolu 2 ta' Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn huwa meqjus mill-konjugi li jkollhom l-istess drittijiet u responsibilitajiet la darba huma jiddeciedu li jintrabtu fiz-zwieg. Kif ukoll, skont dan l-istess artikolu, huwa mistenni li l-konjugi jaghtu l-fedelta' taghhom il' xulxin, sapport materjali u morali izda, l-applikanta tista' tesponi li hija ma kellix sapport materjali u l-anqas dak morali, ghaliex kellha tfendi ghal rasha billi tohrog tahdem hi stess ghalkemm kienet tqila biex b'hekk tkun tista' sahansitra anke tixtri l-affarijiet mehtiega in preparazzjoni ghat-tarbija li gejja. Dan l-atteggjament baqa’ ghaddej ukoll, wara t-twelid ta’ disinteress totali baqa’ ghaddej ukoll wara illi hi stess weldet lil binha S G C;

ILLI mhux talli l-applikanta kellha tkompli tahdem, filwaqt li hija kienet mugughwa habba t-tqala taghha izda, li malli tirritorna

mix-xoghol, li huwa wiehed ta' bil-lejl, hija tkun mistennija mill-intimat qua ragel taghha tkompli taghmel ix-xoghol tad-dar.

ILLI l-intimat mhux talli ma hallas xejn rigward affarijiet li riedu jinxtraw biex malli jitwieled it-tarbija, li huwa mistenni jkollu minghand l-applikanta rikorrenti, jkun jista' jitrabba komdu, izda qas biss wera interess fil-gravidanza taghha, ghaliex l-applikanta dejjem kienet tispicca tmur wehidha ghand it-tabib/a u thallas lit-tabib/a ghall-ispejjez dovuti minghajr l-ghajnuna ta' zewgha u meta hija tmur biex turih xi haga li tkun ghadha kif xtrat lit-tarbija huwa jghidilha li jarahom aktar tard filwaqt li jkompli jilghab fuq il-playstation.

ILLI l-applikanta saret taf wara li naghqdet fi zwieg ma' zewgha, illi dan zewgha kellu diga' xi tfal minn relazzjonijiet precedenti, haga li huwa ma kinx uriha qabel iz-zwieg.

ILLI saret taf ukoll li l-intimat ma kienx xi bniedem ta' kondotta tajba hafna, u wara z-zwieg skopriet ukoll affarijiet li zgur ma jaghmlux gieh sabiex din ir-relazzjoni matrimonjali tiehu s-sahha taghha u ghalhekk, qatt ma basret illi l-intimat kien ser jiddegenera fl-attitudni tieghu u johrog verita' tieghu meta hu ma kienx juriha hekk qabel iz-zwieg;

ILLI l-applikanta sfortunatament kellha tkun xhieda ghall-vjolenza domestika li l-intimat kien ikkommetta fuq il-genituri tieghu u li ghalhekk din l-imgiba min-naha tal-intimat rawmet fl-esponenti certu sens ta' biza' mill-intimat jekk hija wkoll ghadx issofri bhala vittma ta' vjolenza domestika, li hija haga detrimentali f'kull cirkostanza wisq anqas meta mara kienet diga' tqila u llum ghandha lil binha . Ghalhekk l-applikanta tinsab imtaqla b'certu hsibijiet fuq sa fejn iwassal l-intimat qua ragel taghha bl-imgiba vjolenti tieghu.

ILLI minhabba dawn l-affarijiet li l-applikanta saret taf fuq zewgha u l-vjolenza domestika li hija rat b'ghajnejha stess fuq ommu u missieru, hija qeghda tibza' li hija wkoll ikolla ssofri bhala vitma ta' vjolenza domestika, haga detrimentali f'kull cirkostanza wisq anqas meta mara kienet tqila u issa ghandha t-tifel ghadu zghir hafna.

ILLI jidher bic-car li l-karattru tal-intimat xi waqtit ikun kemmxejn ghaliex huwa ukoll ilu fuq probation ghal sentejn habba li fil-lejl ta' bejn il-31 ta' Dicembru 2012 u l-1 ta' Jannar, 2013 ghal habta ta' bejn 21.30 hrs u 23.00hrs fi Triq Dun Guzepp Vella Qormi, volontarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi waqt li kien qed isuq il-vettura tieghu waqt li kien intossikat, baqa diehel gol-vettura tal-ex tfajla tieghu, fejn fl-istess data u hin ingurjaha u heddidha permezz ta' turnavit u zammha arrestata fil-vettura taghha kontra l-volonta' taghha kif ukoll sfida persuna inkarigata skont il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien ghamel jew minhabba li kien qed jaghmel dan is servizz bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz - haga li l-applikanta saret taf id-dettalji ta' x'gara wara li zzewgitu u li kompliet tbezza' lill-applikanta rigward l-imgiba vjolenti ta' zewgha.

ILLI s-sitwazzjoni hija intolerrabli ghaliex zewgha ma jonqosiex biss fl-affarijiet materjali izda anke f'sapport morali, dan ghaliex kemm il-darba l-applikanta jkollha tisma' tghajjir u rikatti li jekk ezempju, ma tissodisfahx hekk kif irid hu f'mumenti intimi taghhom huwa jitlaqa'.

ILLI ormai dan iz-zwieg mhux biss tkisser irrimedjabilment izda talli tkisser irrimedjabbilment minhabba ragjuni sufficcjenti fil-fatt u fid-dritt li ppregudikaw lir-rikorrenti tant, illi bilfors kellha tasal ghal dawn il-proceduri definittivi, wara li ppruvat taghmel kollox biex issalva dak li huwa insalvabbli.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex tordna illi z-zwieg bejnha u bejn l-intimat li gie iccelebrat fil- 5 ta' Lulju 2014 bir-Registru Pubbliku, jigi null u invalidu ai termini tal-Artikolu 19 (1) (c) u/jew (d) tal- Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta, occorrendo billi wkoll jigi dikjarat illi r-rikorrenti kienet il-parti in buona fede ghal dan iz-zwieg.

SUBORDINATAMENT, tordna sabiex isiru l-annotazzjonijiet fl-Att taz-Zwieg ta' bejn il-partijiet.

Bl- izpejjez tal-prezenti u bl-ingunzjoni tal-intimat.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li permezz taghha eccepixxa : Fol 12

1. Illi filwaqt li l-intimat jichad kull allegazzjoni indikata fir-rikors guramentat odjern qieghed jopponi t-talba attrici ghad-dikjarazzjoni tan-nullita' taz-zwieg celebrat bejn il-kontendenit fil-5 ta' Lulju 2014, u dan peress illi ma jezistux l-estremi, la fil-fatt u lanqas fid-dritt, li jwasslu ghal din id-dikjarazzjoni ta' nullita'. Infatti rikors guramentat iehor bi premessi u talbiet identici ghal dan odjern kien diga gie intavolat mir-rikorrenti, liema rikors gie cedut qabel l-ewwel dehra quddiem din il-Qorti;
2. Illi l-intimat jichad li hemm xi caput nullitatis li jista' jigi attribwit lilu ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg – partikolarment, hu jichad b'mod assolut u kategoriku illi hu ma kellux setgha intelletwali jew li ma kienx ta' rieda tajba bizzejjed biex jikkuntratta z-zwieg, jew li kien ibati minn xi anomalija psikologika serja, kif allegat fir-rikors guramentat;
3. Illi l-intimat jichad ukoll kategorikament illi hu ipprattika xi qerq dwar xi kwalita' tieghu li seta' induca lir-rikorrenti li jkollha l-kunsens taghha ghal dan iz-zwieg ivvizzjat;
4. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess, jekk din il-Qorti tara li fil-fatt hemm ragunijiet li jaghtu lok li z-zwieg celebrat bejn il-kontendenti jigi annullat, dan ghandu jkun ghal ragunijiet unikament attribwibbli lir-rikorrenti;
5. Illi ghalhekk peress li dan iz-zwieg m'ghandux jigi annullat, u f'kull kaz ma hemm l-ebda caput nullitatis li jista' jigi attribwit lill-intimat ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg, l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat id-dokumenti kollha esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Rat l-affidavits tal-partijiet u tax-xhieda minnhom prodotti;

Rat illi l-partijiet ma ppreżentawx nota ta' sottomissjonijiet finali minkejja illi l-Qorti tathom l-opportunita' u terminu sabiex jagħmlu dan[1];

Rat illi l-kawża ġiet differita għas-seduta odjerna sabiex tingħata s-sentenza;

Ikkunsidrat:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Il-Qorti għandha quddiemha talba sabiex iż-żwieġ bejn l-attriċi u l-konvenut, li ġie kkontrattat fil-ħamsa (5) ta' Lulju tas-sena elfejn u erbatax (2014), jiġi ddikjarat null u bla effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikoli 19(1)(c) u/jew 19(1)(d) tal-Att Dwar iż-Żwieġ[2].

IL-VERŻJONI TAL-ATTRIĊI

L-**attriċi** xehdet bil-proċedura tal-affidavit[3], fejn hija spjegat illi l-partijiet iltaqgħu fis-sena 2013. Wara ftit taż-żmien joħorġu flimkien, huma ddeċidew illi jibdew jgħixu flimkien. Ftit taż-żmien wara, l-attriċi inqabdet tqila u l-partijiet kienu ferm kuntenti b'dan tant li l-konvenut ipproponielha ż-żwieġ.

Sfortunatament fl-istess ġurnata taż-żwieġ u cioe fil-5 ta' Lulju 2014, hija tilfet it-tarbija. Hija ma sabitx minn żewġha s-sapport li wieħed kien jistenna f'dawn iċ-ċirkostanzi traġiċi, anzi huwa tefa' t-tort tal-korriment fuqha.

Tixhed illi l-konvenut kien egojist u kien ipoġġi lilu nnifsu qabel l-interessi tagħha u tal-familja. *"He was clearly showing me his disability to sustain a strong relationship and to live a proper marriage. He was exhibiting constant lack of moral support and volition to common interests and any ways of sacrifice for the*

[1] Udjenza tat-18 t'Ottubru 2017, verbal a fol. 61
[2] Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta
[3] Fol. 29

*benefit of both. His way of thinking and mode of acting were clear proof of such lack of maturity, whereby he failed to fulfill the duties of a husband."*

Inoltre, huwa ma kienx juri interess fix-xogħol u ma kienx jirnexxielu jżomm impjieg għal żmien twil għax kien iħoss li ma kienx imħallas sewwa. Għalhekk hija kienet ripetutament tfittixlu x-xogħol u tibgħat l-applikazzjonijiet, biex meta jkun aċċettat, il-konvenut isib xi skuża biex ma jieħux l-impjieg. Għalhekk, il-piż finanzjarju kien jaqa' primarjament fuqha. Meta reġgħet ħarġet tqila, kellha tibqa' taħdem sal-aħħar biex iżżomm il-familja tagħha, filwaqt illi huwa kien jibqa' d-dar quddiem il-kompjuter. Lanqas kien jakkumpanjaha għall-viżti fit-tqala, iżda kien jibgħatha m'ommu, għaliex hu kien irid jorqod jew juża l-kompjuter.

*"I then found out that he was misusing his computer to flirt with women online and expose himself to them. He used to lie about me being a jeolous girlfriend as he called me, when truly I was his wife, carrying his future child. At the time I had several night shifts, while he used to stay awake all night to spend his time chatting online with these other women. Each time I would arrive home, he would lie to me that he could not manage to sleep without me near him, when in reality he would have just stopped communicating to other women via Skype when he heard me entering the house. I learned that D used to make exaggerated promises to pay their hotel and flight tickets in order for them to come to Malta. He also promised to have intimate relationships with them, yet he was incapable of buying a packet of nappies for his child."*

Inoltre l-konvenut ħbielha l-fatt li huwa kien diga missier ta' żewġ ulied. L-ewwel wild saret taf dwaru wara ż-żwieġ u t-tieni wild saret taf dwaru mingħand in-nies. Ħbielha wkoll il-fatt li kellu proċeduri kriminali għaddejjin mas-sieħba li kellu qabilha, meta kien heddidha u aggrediha b'turnavit għaliex kienet riedet ittemm ir-relazzjoni tagħhom.

Tinsisti li l-konvenut ried biss jiddominaha bħala s-seftura tiegħu. Lanqas mill-ġenituri tiegħu ma kellu rispett għaliex hija

ġieli ratu jkun vjolenti magħhom kemm psikoloġikament u anke fiżikament fuq affarijiet żgħar, bħal jekk ma jogħġbux l-ikel, jekk ikun rieqed u jqajmu l-kelb jew jekk ikollu bżonn il-flus.

Xehed ukoll **Charlie Magri**[4], ir-raġel tal-ħabiba tal-qalb tal-attriċi. Huwa kkonferma li l-partijiet iżżewġu meta kien ilhom biss sitt xhur jafu lil xulxin. Ikkonferma wkoll li l-konvenut ma kienx iħobb jaħdem iżda kien jippreferi joqgħod jilgħab bil-*playstation* id-dar. Meta tkellem miegħu, il-konvenut kien urieh li kien komdu jgħix minn fuq il-flus li kienet taqla' martu. Jaf ukoll illi l-attriċi, anke meta kienet tqila, kienet toħroġ taħdem. Wara li żżewġu bdew joħorġu ċertu fatti li A ma kinitx tafhom, bħall-fatt li huwa diġa kellu xi żewġ jew tlett'itfal min-nisa oħra.

Jaf li darba minnhom, il-partijiet illatikaw bil-kbir tant li l-attriċi marret tgħix fid-dar tiegħu u ta' martu għal xi erba' xhur, iżda mbagħad reġgħet lura tirrisjedi mal-konvenut fid-dar tal-ġenituri tiegħu. Wara ftit, reġa' kien hemm ġlieda oħra kbira bejn il-partijiet fejn kellhom jintervjenu saħansitra l-pulizija u reġgħet irrikorriet għall-għajnuna tax-xhud u ta' martu. Kienet qaltlu li l-konvenut kien refa' jdejh fuqha u li ma kienx waqaf joffendiha.

Għalaq billi xehed: *"A llum kellha tarbija minn ta' raġel ieħor u naf li D meta kienet tqila, wara dak kollu li kien ġara, ried jaċċettaha bit-tarbija ta' ħaddieħor bil-patt u l-kundizzjoni li titlob lill-missier it-tarbija flus fix-xahar...Nerġa ngħid li għalija, mill-bidu, l-affarijiet qatt ma kienu normali u wisq aktar xi ħaġa bħal din. Dawn mhux affarijiet li miżżewġin jagħmlu."*

## IL-VERŻJONI TAL-KONVENUT

Il-**konvenut** xehed ukoll bil-proċedura tal-affidavit[5] fejn huwa spjega li kien iltaqa' m'A permezz ta' sit fuq l-Internet. Hija ta' nazzjonalita Rumena iżda kienet diġa ilha taħdem u tgħix f'Malta għal madwar sena. Meta ltaqa' magħha l-ewwel darba sar jaf li xogħolha kien ta' *pole dancer*. Huwa mill-ewwel

[4] Affidavit fol. 26
[5] Fol. 45

informaha li xtaq ikollu relazzjoni magħha iżda talabha li biex dan iseħħ, hija kellha tibdel ix-xogħol tagħha "għaliex qatt ma emmint li dan ix-xogħol kien ta' ġieħ għaliha". Dak iż-żmien huwa kien jabita mal-ġenituri tiegħu f'Ħal-Lija, dar li fiha żewġ sulari. Kif appena beda joħroġ magħha, A talbitu li tmur tgħix miegħu u l-ġenituri tiegħu, billi kienu aċċettawha, bdew jgħixu fis-sular t'isfel, filwaqt illi l-partijet marru jgħixu fis-sular ta' fuq. Fil-frattemp, l-attriċi kienet sabet xogħol ieħor f'onlajn cażino.

Inizjalment ir-relazzjoni tagħhom kienet waħda ferm tajba. *"Lil A kont inħobbha daqs id-dawl t'għajnejja u kont nagħmel ħafna sagrifiċċji sempliċiment biex nassigura illi hi tkun kuntenta."* Wara ftit taż-żmien, l-attriċi bdiet tinsisti li kellhom jiżżewġu. Il-konvenut kien ħaseb illi dan kien pass wisq bikri u li ma kellhomx għaġġla iżda hi baqgħet tinsisti u peress li ma xtaqx jitlifha akkost ta' kollox, kien aċċetta. Immedjatament, l-attriċi bdiet tippjana t-tieġ u fi żmien qasir iżżewġu.

Il-konvenut jikkonferma li f'dak iż-żmien kienu tilfu l-ewwel tarbija li kien ser ikollhom. Huwa jiċħad b'mod kategoriku li huwa tefa' t-tort ta' dak li ġara fuqha. Jgħid li huwa bħalha kien ferm dispjaċut u kemm hu kif ukoll il-ġenituri tiegħu kienu ta' sapport għall-attriċi.

Wara ż-żwieġ, A bdiet taħdem f'onlajn cażino ieħor u ħajjitha bdiet iddur mal-mowbajl u kontinwament tibgħat il-messaġġi u tikkomunika man-nies. Jgħid illi meta kienet tiġi mix-xogħol kienet tiekol u tkompli l-ġurnata mal-mowbajl tagħha.

Jispjega li A rari kienet issajjar iżda kienet tippretendi li ssib kollox lest. Kienet omm il-konvenut, Betty, li kienet issajjar, taħsel il-ħwejjeġ u tnaddaf id-dar. A kienet qabdet il-vizzju li tgħidlu kliem li jweġġgħu bil-konoxxenza li tali kliem kien ser iweġġgħu. Meta reġgħet inqabdet tqila kien ferħan se jtir mhux biss għaliex xtaq it-tarbija iżda għax emmen li b'hekk ir-relazzjoni tagħhom setgħet tissaħħaħ. Iżda kien żbaljat għaliex l-attriċi bdiet tinjorah kompletament, tiġġieled miegħu bla waqfien u tgħajru.

It-twelid tat-tifel S G C, ġab lill-konvenut u lill-familja tiegħu ferħ indiskrivibbli. Sfortunatament, mhux hekk għall-familja tal-attriċi għaliex omm A kienet qalet li hija xtaqet tifla u għalhekk kif appena twieled tifel, ommha bħal donnu tfanstet. L-attriċi ġiet influwenzata minn ommha u kompliet tibred kemm minnu u wkoll mit-tifel.

Xehed illi lit-tifel A ma kinitx tagħtih l-attenzjoni li jistħoqq u kienet ommu, cioe omm il-konvenut, li rabbietu. Anke meta A ma kinitx tkun xogħol, kienet tkun ommu Betty li tieħu ħsieb lit-tifel. Fil-ħin liberu tagħha, A kienet mitlufa fuq il-mowbajl jew it-tablet tagħha, tiddeverti ma' ħabibtha jew tirrilassa, filwaqt li t-tarbija kienet tieħu ħsiebha n-nanna. *"Meta tkun frank mix-xogħol, kienet tqatta' siegħat sħaħ mixħuta fuq is-sodda tiċċettja mingħajr l-iċken preokkupazzjoni li binha jirrikjedi lil ommu."*

Il-konvenut jgħid li A ma kinitx taf kif għandhom isolvu l-problemi li jinqalgħu bejniethom u darba minnhom fuq argument żgħir telqet mid-dar u marret tgħix għand ħabibitha għal tliet xhur. Eventwalment reġgħet marret lura miegħu. Iktar tard kellhom argument ieħor u għalhekk telqet mill-kamra tagħhom u marret toqgħod ġo kamra oħra fl-istess sular, wara litanija ta' tgħajjir u kliem dispreġġattiv fil-konfront tal-konvenut.

Darba minnhom daħal iġib xi ħwejjeġ mill-kamra li bdiet tokkupa l-attriċi u hija nħasdet u għalqet malajr il-laptop tagħha. Hu beda jinsisti magħha li jara x'kienet qiegħda tagħmel iżda hi ma riditx. Kif ħarġet, huwa sab li hija kienet qed titkellem mal-partner attwali tagħha. *"Miegħi forsi kienet birdet imma ma' rġiel oħra, A mhux talli kienet birdet iżda talli kienet romantika ħafna."* Ir-relazzjoni tal-partjiet waqfet hemm, għaliex A telqet mid-dar tal-ġenituri tiegħu u ħalliet lit-tifel miegħu.

Dwar il-finanzi, il-konvenut xejn ma jaqbel max-xiehda tal-attriċi. Jgħid li d-dħul tiegħu kien imur kollu għall-bżonnijiet tal-familja, filwaqt li hija kienet tonfoq il-paga tagħha fuq affarijiet mhux bżonnjużi u kienet tippretendi li hu jagħmel tajjeb għall-bżonnijiet tagħha. Jgħid illi huwa għamel żmien ma jaħdimx imma dana għaliex minħabba uġigħ kbir f'dahru, kellu jieqaf

mix-xogħol tiegħu ta' *loader* u *driver* ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Huwa ppreżenta sensiela ta' ċertifikati mediċi[6] in sostenn ta' dan. Jgħid illi l-attriċi kienet tgħajru kontinwament minkejja li kien ikun muġugħ, u għalhekk huwa reġa beda jagħmel l-istess xogħol mal-kumpanija Aviaserve.

Xehed ukoll **John C**, missier il-konvenut, li kkorrabora ix-xiehda mogħtija minn ibnu. Jispjega kif hu flimkien ma' martu dejjem ittrattaw lill-attriċi daqslikieku kienet binthom, billi jagħtuha dak li titlobhom u jwassluha ta' kuljum għax-xogħol jew biex tiltaqa' mal-ħabiba tagħha.

Huwa kkonferma li appena l-partijiet iżżewġu, l-entużjażmu li kellha A kien sparixxa u lill-konvenut bdiet titrattah b'mod tassew biered. Ikkonferma n-nuqqas ta' ħeġġa tagħha li tgħin fil-ħajja tal-familja iżda li kienet tqatta' l-ħin tagħha mitlufa fuq it-tablet jew il-mowbajl. Meta twieled il-minuri S, l-affarijiet marru għall-agħar għaliex hi ma kienet tieħu ħsiebu assolutament xejn[7]. Meta tkun id-dar, qajla kien jimpurtaha milli tieħu ħsieb lil binha. Fil-għaxija, ma kinitx tqum hi tara l-bżonnijiet tat-tifel iżda tqabbad lil Betty tagħmillu l-ħalib. Darba minnhom meta S għamel toilet, ġabitu għand Betty għaliex qalet li ma kienx imiss lilha tbiddillu l-ħarqa.

Jirrakkonta l-aħħar argument li kellhom il-partijiet meta l-attriċi daħlet id-dar fis-siegħat bikrin ta' filgħodu f'sakra ma tarax art. Il-partijiet bdew jitlewmu u beda jiżdied l-għajjat. Fost it-tgħajjir qaltlu li riedet titlaq u tieħu magħha lil S iżda l-konvenut ma ħallihiex u għalhekk kienet hebbet għalih. Qalulha biex tmur l-għada għal S meta tkun f'sura iktar diċenti iżda hija kienet ġabet lill-Pulizija li kkalmaw l-affarijiet. Dakinhar, l-attriċi ma baqgħetx tgħix fir-residenza tax-xhud, u kienet ħalliet magħhom li S li D, ix-xhud u martu Betty jrabbuh bl-akbar għożża.

## PRINĊIPJI LEGALI

---

[6] Fol. 49 et seq.

[7] Enfasi tal-istess xhud

F'dan l-istadju, il-Qorti ser tgħaddi sabiex tiddiskuti l-kawżali li fuqhom hija msejsa l-kawża odjerna u cioe l-Artikoli 19(1)(c) u 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, illi jistipulaw:

***19. (1) B'żieda mal-każijiet fejn żwieġ ikun null skont xi disposizzjoni oħra ta' dan l-Att, żwieġ ikun null:***

***(ċ) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalità tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa;***

***(d) jekk il-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun vizjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' ġudizzju fuq il-ħajja miżżewġa, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tagħha, jew b'anomalija psikoloġika serja li tagħmilha impossibbli għal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taż-żwieġ;***

Illi din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex teżamina n-nullita' taż-żwieġ *o meno* taħt dawn l-artikoli separatament, u fl-ewwel lok, taħt l-Artikolu **19(1)(c)**.

Dwar l-Artikolu 19(1)(c) u cioe' li l-kunsens tar-rikorrenti nkiseb b'qerq dwar xi kwalita' tal-parti l-oħra li tista' mix-xorti tagħha tkixkel serjament il-ħajja miżżewġa, issir referenza għall-kawża fl-ismijiet Pierina C vs. Bentanfous Amor[8] fejn ġie dikjarat li *"Kwantu għal "qerq" …. dan ċertament hu motiv ta' nullita` tal-ftehim jew tal-kuntratt kif hekk del resto jiddisponi l-Artikolu 981(1) tal-Kodiċi Ċivili. L-egħmil doluż pero` ma jista' qatt ikun preżunt u għandu jiġi pruvat (Artikolu 981(2)). Il-qerq irid ikun tali li jkun jista` jbiegħed ir-raġuni u jegħleb il-volonta`".*

Espożizzjoni tat-tifsira tal-qerq fit-termini tal-liġi taż-żwieġ tagħna ingħatat fil-kawża fl-ismijiet Mary Farrugia vs. John Farrugia[9]. Il-Qorti sostniet illi l-qerq irid jinċidi direttament fuq l-intellett ta' xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ u indirettament fuq il-

---

[8] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1176/2000/1PS)

[9] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Marzu 1995 (Ċitazzjoni Numru 1190/94VDG)

volonta` tal-persuna ngannata. Fil-każ tal-qerq, huwa l-intellett tal-partijiet li jintlaqat mhux il-kunsens. "Kif jispjega il-ġurista Jose' Castano *"Il dolo causa direttamente errore nell'intelletto del paziente, il quale <u>ex errore</u> consente."* Dan il-qerq jista' jiġi kemm minn waħda mill-partijiet fiż-żwieġ kif ukoll minn terza persuna. Biex jissussisti l-qerq ravviżat fis-sub artikolu in eżami iridu jikkonkorru erba' affarijiet:

1) il-qerq jiġi perpetrat bil-ħsieb li wieħed jikseb il-kunsens tal-parti;
2) li l-qerq ikun inċida fuq il-kunsens tal-parti;
3) li l-qerq ikun jirrigwarda xi kwalita` tal-parti l-oħra;[10]
4) li din il-kwalita` tkun tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa. Mhux neċessarju li l-ħajja miżżewġa ġiet effettivament imfixkla, imma li kien hemm il-potenzjal li titfixkel.

Illi l-Qrati tagħna dejjem sostnew li ż-żwieġ ikun null skond dan is-sub-artikolu jekk waħda mill-partijiet tagħti l-kunsens tagħha għax tkun ġiet imqarrqa jew mill-parti l-oħra jew minn xi ħaddieħor dwar xi kwalita tal-parti l-oħra.[11] Bi kwalita` tal-persuna, il-Qorti tifhem illi l-qerq ikun relatat mal-persuna innifisha bħal ma hija persuna marida, infertili jew afflitta mill-ġenn, jew ivvizzjata bid-droga bl-alkoħol jew bil-logħob tal-ażżard, li taħbi tali vizzju jew mard mill-konjuġi l-ieħor qabel iż-żwieġ, jew persuna t'orjentazzjoni sesswali mhux kif mistenni fir-relazzjoni partikolari[12].

---

[10] <u>Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova</u>, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u <u>AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe</u> deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) fis-6 t'April 2017 (Rikors Ġuramentat 21/16AL)

[11] <u>Fattah xebba Perry vs Dr. A. Mifsud et</u>, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit- 22 ta' Novembru 1982, kif iċċitata b'approvazzjoni f'<u>Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova</u>, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP)

[12] Bħal fil-każ ta' <u>David Buhagiar vs. Roseanne nee Maile</u>, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-24 t'April 1995, (Ċitazzjoni: 1584/94VGD);

Fis-sentenza fl-ismijiet Stephen Sciberras vs. Avukat Francesco Depasquale et nomine[13] il-Qorti ċċitat dak stipulat fis-sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Louis Agius vs. Georgia Agius xebba Gauci[14], fejn ikkwotat b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur L. Wrenn fil-ktieb tiegħu "Annulment" fejn ġie sostnut li sabiex ikun hemm nullita` ta' żwieġ fuq il-bażi li l-kunsens ta' xi waħda mill-partijiet ikun inkiseb b'qerq dwar xi kwalita` tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa, huwa meħtieġ li tali kwalita`:

1. tkun waħda inerenti għall-persuna u mhux xi att fil-passat;
2. tkun preżenti fil-mument taċ-ċelebrazzjoni taż-żwieġ;
3. tkun gravi jew oġġettivament jew soġġettivament;
4. ma tkunx magħrufa lill-parti l-oħra;
5. tiġi mistura frawdolentement sabiex jiġi ottjenut il-kunsens maritali;
6. trid tipprovoka kriżi meta tiġi skoperta, għax inkella jitqies li l-iżball ma kienx sostanzjali.

Illi l-leġislatur Malti llimita l-qerq fuq *"xi kwalita tal-parti l-oħra li tista' mix-xorta tagħha tfixkel serjament il-ħajja miżżewġa".*[15] Din il-kawżali ġiet ukoll ikkonsidrata fil-każ John Borg vs. Paula sive Polly Borg[16] fejn ġie osservat li:- *Il-leġislatur Malti, iżda, għażel li jillimita l-qerq, bħala kawża ta' nullita' ta' żwieġ, għall-qerq dwar* ***dawk il-kwalitajiet, oġġettivament gravi, li jinċidu fuq l-essenza, il-proprjetajiet u l-għanijiet taż-żwieġ****"*[17]*.* Il-Qorti kkwotat lill-awtur **Viladrich** fejn dana sostna illi *"The object of deceit must be a quality of the other contracting party which, in itself, will have to cause serious disturbance in the partnership of conjugal life; with this formula, the legislator intends that the quality must be objectively grave and establishes the partnership of conjugal life as an objective point of reference for*

---

[13] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' Diċembru 2002 (Ċitazzjoni Numru 1781/1998/1PS)

[14] Deċiża mill-Qorti tal-Appell Civili fid-19 ta' Ottubru 1988

[15] Carmelo sive Charles Mifsud vs. Anna Mifsud nee' Ignacakova, Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, 13 ta' Novembru 2002 (Ċitaz. 2469/1997RCP) u AB vs. Dr. Leontine Calleja et noe. deċiża mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja), fis-6 t'April 2017, (Rikors Ġuramentat: 21/16AL)

[16] Deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-22 ta' Mejju 1995 (Ċitazzjoni Numru 591/94VDG)

[17] Enfasi ta' din il-Qorti

*the gravity of the quality so that the qualities are related to the essence, properties and ends of marriage. Therefore, those subjective qualities which cannot be objectively reconciled with conjugal partnership are irrelevant and, in this sense, they are merely arbitrary or trivial".*

Illi l-Qorti tirreferi wkoll għall-**artikolu 19(1)(d)** tal-Att dwar iż-Żwieġ illi fuqu wkoll l-attriċi ssejjes l-azzjoni tagħha.

Illi b'difett serju ta' diskrezzjoni dwar il-ħajja miżżewġa u/jew l-elementi essenzjali tagħha, il-leġislatur ma riedx ifisser sempliċement kwalsiasi stat ta' mmaturita' li parti jew oħra fiż-żwieġ tista' tkun fiha fil-mument li jingħata l-kunsens reċiproku. Li kieku l-leġislatur irrikjeda maturita' sħiħa u perfetta, ftit jew addirittura ebda żwieġ ma kien ikun validu. Kunsens validu iżda jeħtieġ konoxxenza sħiħa ta' dak kollu li jkunu deħlin għalih il-partijiet u impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur. Dan ifisser illi l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' li tagħmilhom kapaċi jirriflettu fuq l-obbligi, id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ġġib magħha l-ħajja miżżewġa u jkunu għalhekk kapaċi jerfgħu u jwettqu l-istess matul il-ħajja matrimonjali tagħhom. Inoltre l-partijiet irid ikollhom dik il-maturita' affettiva, liema maturita` affettiva tkun fil-konfront ta' xulxin. Jekk xi waħda minn dawn l-elementi hija b'xi mod nieqsa, allura hemm difett tad-diskrezzjoni tal-ġudizzju kif rikjest mill-liġi.

Illi mill-ġurisprudenza kostanti ta' dawn il-Qrati jidher ċar illi l-kunsens mogħti fil-kuntratt matrimonjali mhuwiex dak il-kunsens sempliċi rikjest fil-kuntratt in ġenerali għaliex il-kuntratt taż-żwieġ huwa wieħed *sui generis* u ta' ordni pubbliku. Illi għalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' żwieġ mhux biss irid ikollhom il-kapaċita' li jagħtu dak il-kunsens, iżda li l-istess irid jiġi mogħti bl-aktar mod liberu u xjenti għal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taż-żwieġ.[18]

---

[18] Marita Schembri vs. Emmanuel Schembri, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-9 ta' April, 2003, (Ċitazzjoni Numru. 1081/2001/1RCP)

Kif jispjega l-awtur **Bersini** *"e' necessaria la discrezione non tanto per l'atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazzione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l'eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrare, per qualsiasi motivo, la capacita' intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravemente alterata o ad dirittura mancante, si dovra' ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio."*[19]

L-awtur **Pompedda** jispjega kif ġej *"se il soggetto non e' in grado di superare (i) condizionamenti interiori, allora si dira' che la scelta di lui non e stata libera; In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe' col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa' coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei rigwardi della parole"*[20]

Illi kif jispjega Bersini, id-diskrezzjoni ta' ġudizzju tikkonsisti f'żewġ elementi distinti iżda konkorrenti u interdipendenti: *"la piena avvertenza e il deliberato consenso …. La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita' di giudizio e la maturita' affettiva…. La maturita' di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all'atto da compiere, agli oblighi essenziali*

---

[19] Bersini Francesco, Il Diritto Canonico Matrimoniale, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

[20] Pompedda Mario Francesco, Incapacita' di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento, (Bologna, 1991), pp. 231, 233– kif rappurtat fid-deċiżjoni Renato Galea vs. Sharon Galea nee' Gibson mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Marzu, 2003 (Ċitazzjoni Numru. 484/1995/2RCP)

*da assumersi e ai doveri cognugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita' affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita' che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta' e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi' una mancanza di consenso libero (immaturita' affettiva) e ponderato (immaturita' di giudizio)"* [21]

Illi l-awtur **Viladrich** jispjega li:- *"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage,which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgment refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"*[22]

<u>APPLIKAZZJONI TAL-PRINĊIPJI LEGALI GĦALL-KAŻ ODJERN</u>

Illi stabbiliti dawn l-aspetti legali tal-kunċetti tal-qerq u tad-difett serju fid-diskrezzjoni tal-ġudizzju, din il-Qorti ser tgħaddi, sabiex tagħmel is-segwenti konsiderazzjonijiet fid-dawl tal-provi miġbura.

Illi dwar l-ewwel kawżali tal-qerq, il-Qorti fl-ewwel lok tirrileva illi l-konvenut bl-ebda mod ma jirribatti l-allegazzjonijiet li tagħmel l-attriċi fil-konfront tiegħu u cioe li huwa kien ħbielha l-fatt li kien

---

[21] Bersini Francesco, <u>Il Diritto Canonico Matrimoniale</u>, (Torino, 1994), p. 97 – kif rappurtat fid-deċiżjoni <u>Angela Spiteri Selvaggi vs. Joseph Spiteri</u> mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Novembru 1994

[22] Viladrich, Pedro Juan, <u>Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated</u> (Montreal, 1993), p. 686 – kif rappurtat fid-deċiżjoni <u>Lydia Musu` vs. Dr. Ian Spiteri Bailey et. noe.</u> mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 t' Ottubru, 2002, (Ċitazzjoni Numru. 390/1999/1RGM)

diġa missier. Lanqas biss jikkonferma huwiex effettivament missier ta' żewġ ulied minn ommijiet differenti bħalma tallega l-attriċi, wisq inqas jekk ħebiex minnha dak il-fatt. Min-naħa tagħha l-attriċi m'elaboratx wisq dwar x'kien l-effett ta' din l-aħbar fuq iż-żwieġ tagħhom u x'kienet ir-reazzjoni tagħha kif saret taf b'dawn l-ulied barra miż-żwieġ. Il-fatt li l-konvenut kien diġa missier hija ħaġa intrinsika mal-persuna tiegħu u dan għaliex malli sar missier, huwa tgħabba b'responsabilijiet li jrid iġorr miegħu tul ħajtu, anke mil-lat finanzjarju. *Once a father, always a father*. Pero' dawn l-ulied qishom trasparenti u ma jeżistux għaliex la l-konvenut u lanqas missieru ma jirreferu xejn għalihom fix-xiehda tagħhom. Ma jgħidu xejn dwarhom u dwar l-involviment o meno tal-konvenut f'ħajjithom. Fil-prinċipju, kien jispetta lill-attriċi li ladarba allegat li l-konvenut huwa missier, iġġib prova minima dwar dan u dana in linea mal-massima *incumbit ei qui dicit non ei qui negat.* Illi ladarba ma ġiex ippruvat b'ċertezza illi l-konvenut huwa effettivament missier, wisq inqas ġie ippruvat illi huwa qarraq bl-attriċi billi ħbielha dan il-fatt qabel iż-żwieġ. Lanqas ma ġie ippruvat, illi kieku kienet taf b'din il-kwalita tal-konvenut, l-attriċi ma kinitx tasal biex tiżżewġu. Possibilment setgħet tibqa' għaddejja biż-żwieġ mal-konvenut xorta waħda anke fil-konsapevolezza pjena tagħha dwar dan il-fatt.

Dwar il-kawżali l-oħra tan-nuqqas ta' diskrezzjoni tal-ġudizzju, dan huwa każ klassiku ta' kif iż-żewġ partijiet fil-mument tal-kunsens kienu afflitti minn immaturita' dwar l-obbligi reċiproċi taż-żwieġ u minn nuqqas assolut t'impenn għall-obbligi u d-drittijiet konjugali kemm fil-preżent kif ukoll fil-futur.

Jirriżulta illi l-attriċi xejn ma kienet konxja illi ż-żwieġ iġib miegħu impenn lejn ħajja flimkien u komuni iżda baqgħet tgħix daqslikieku xebba, toħroġ regolarment ma' sħabha u tagħżel li tqatta' l-ħin tagħha tiċċettja milli f'ħin ta' kwalita ma' żewġha. Lanqas mat-twelid tat-tarbija ma trażżnet, iżda baqgħet bl-istess stil ta' ħajja billi tefgħet ir-responsabilitajiet tat-tarbija fuq omm il-konvenut. Hija ma fittxitx li tieħu ħsieb il-familja tagħha kemm emottivament u lanqas materjalment, għax anke l-ħtiġijiet materjali bħalma huwa l-ikel u ż-żamma tad-dar, hija ma kinitx tipparteċipa fihom. Għalhekk għaliha ż-żwieġ kien ifisser saqaf

fuq rasha bla ħlas u fuq kollox stabbilita u permanenza ġewwa Malta.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut, jidher li laqtitu infatwazzjoni li dam ma ħareġ minnha sakemm l-attriċi wrietu l-vera karattru tagħha. Hemmhekk induna tassew għalxiex kien daħal, meta l-attriċi bdiet tibred minnu u tniggżu b'ilsienha. Imma forsi ma kienx prevedibbli li din, ladarba tieħu dak li riedet minnu, kienet ser tinbidel? Kieku ħaseb tassew x'kien jinvolvi ż-żwieġ, ma kienx jiġri u jiżżewweġ fi żmien sitt xhur, taħt il-premessa li ma riedx jitlef lill-attriċi akkost ta' kollox. Kieku mexa b'maturita' seta jifhem li l-attrazzjoni fiżika weħidha m'hijex pedament sod għal żwieġ validu u dejjiem. Pjuttost huwa ra illi biż-żwieġ seta jakkwista ħajja ta' pjaċir intimu ma' mara sabiħa, u li kienet ukoll tista' taħdem għalih, filwaqt illi huwa jqatta' s-sigħat id-dar, bil-premessa li ma jiflaħx imur għax-xogħol.

Iż-żwieġ tal-partijiet sfaxxa fi żmien qasir għaliex il-partijiet irrealizzaw illi huma ma kisbux dak li ppretendew miż-żwieġ tagħhom, u dana stente li dak li ppretendew ma kienx ir-realta' taż-żwieġ imma l-fantasija tagħhom. Illi għalhekk bla dubju, fil-mument tal-kunsens huma ma kellhomx il-maturita' neċessarja u d-diskrezzjoni tal-ġudizzju meħtieġa biex jinħoloq kunsens validu.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehma li t-talba attriċi hija ġustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu preċitat, u timmerita li tiġi milqugħa.

## DEĊIDE

Illi għalhekk, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talba attriċi, b'dan illi:-

1. Tiddikjara illi ż-żwieġ ikkuntrattat bejn l-attriċi u l-konvenut fil-5 ta' Lulju 2014 huwa null u bla ebda effett fil-liġi *ai termini* tal-Artikolu 19(1)(d) tal-Att dwar iż-Żwieġ, Kapitolu 255 tal-Liġijiet ta' Malta u għalhekk tordna li din id-deċiżjoni tiġi rreġistrata mid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku fl-att taż-żwieġ relattiv għaż-żwieġ

bejn il-kontendenti innumerat elf seba' mija u wieħed u sittin żbarra elfejn u erbatax (1761/2014).

Bl-ispejjeż ikunu sopportati b'mod ugwali miż-żewġ partijiet.